



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.12.2011
COM(2011) 878 finali/2

CORRIGENDUM

Annule et remplace le document
COM(2011) 878 final du 14.12.2011
page de couverture : titre incomplet
(Concerne les versions: DA, DE, ET, FI, IT, LV, MT, PL et PT)

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL U LILL-KUMMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Rapport dwar l-Implimentazzjoni u l-Effett tad-Direttiva dwar id-Dritt tal-Bejgħ mill-
Ġdid (2001/84/KE)**

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
1.1.	L-għanijiet tad-Direttiva.....	3
1.2.	L-għan ta' dan ir-Rapport.....	3
1.3.	Kwistjonijiet proċedurali u konsultazzjoni tal-partijiet interessati	4
2.	L-Effetti tad-Direttiva	4
2.1.	Sfond – is-Suq Globali tal-Arti	4
2.2.	Il-kompetittività tas-suq fl-arti moderna u kontemporanja fl-UE fir-rigward tas-swieq rilevanti li ma japplikawx id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid	5
2.2.1.	Il-bejgħ b'irkant tax-xogħlijiet ta' artisti ħajjin	5
2.2.2.	Il-bejgħ b'irkant tax-xogħlijiet ta' artisti mejtin fi żmien 70 sena mid-data tal-bejgħ. 6	
2.3.	L-Impatt fuq is-Suq Intern	6
2.3.1.	Il-bejgħ b'irkant tax-xogħlijiet ta' artisti ħajjin u mejtin	6
2.3.2.	Tibdiliet fl-ishma kumplessivi tas-suq.....	7
2.4.	Fatturi li jaffettwaw l-iżvilupp tas-swieq tal-arti	7
2.4.1.	Il-mobilità fil-kategoriji ta' prezzijiet oġhla	8
2.4.2.	Il-piż amministrattiv fil-kategoriji ta' prezzijiet aktar baxxi.....	8
3.	Kwistjonijiet ta' Implimentazzjoni fil-Livell Nazzjonali.....	8
3.1.	Ir-rati tar-royalties	8
3.2.	Proċeduri ta' ġestjoni	9
3.2.1.	Spejjeż amministrattivi.....	9
3.2.2.	Spejjeż għas-soċjetajiet kolletturi	10
3.2.3.	L-"effett ta' kaskata"	10
4.	L-Impatt fuq l-Artisti.....	10
4.1.	Il-benefiċċji u l-ispejjeż għall-artisti	10
5.	Konklużjonijiet.....	11
5.1.	Il-kompetittività tas-swieq Ewropej.....	11
	Anness 1	13

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Rapport dwar l-Implimentazzjoni u l-Effett tad-Direttiva dwar id-Dritt tal-Bejgħ mill-Ġdid (2001/84/KE)

1. INTRODUZZJONI

1.1. *L-għanijiet tad-Direttiva*

Id-Direttiva dwar id-Dritt tal-Bejgħ mill-Ġdid (2001/84/KE tas-27 ta' Settembru 2001) (*id-Direttiva*) tfasslet għal żewġ għanijiet ewlenin: biex "jassigura li l-awturi ta' xogħlijiet tal-arti [grafiċi] u figurattivi jaqsmu s-suċċess ekonomiku tax-xogħlijiet oriġinali tal-arti tagħhom"¹ u min-naħa l-oħra, biex tarmonizza l-applikazzjoni tad-dritt madwar l-UE kollha. Kien meqjus li "L-applikazzjoni jew nuqqas ta' applikazzjoni ta' dritt bħal dan għandu impatt sinifikanti fuq l-ambjent kompetittiv fi ħdan is-suq intern, minħabba li l-eżistenza jew nuqqas ta' obligazzjoni għal ħlas fuq il-bażi tad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid hija element li għandu jingħata każ tiegħu minn kull individwu li jixtieq ibiegħ xogħol tal-arti. Dan id-dritt huwa għalhekk fattur li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' tgħawwiġ fil-kompetizzjoni kif ukoll l-ispjazzament ta' bejgħ fi ħdan il-Komunità."²

Id-Direttiva, li hija konsistenti ma' dawn il-miri, ippromwoviet l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet sostantivi għall-applikazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid: (i) l-eliġibbiltà u t-tul ta' żmien tal-protezzjoni; (ii) il-kategoriji tax-xogħlijiet tal-arti li għalihom japplika d-dritt tal-bejgħ mill-ġdid; (iii) il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti li għandhom ikunu koperti, jiġifieri l-atti kollha li jinvolvu negozjanti f'xogħlijiet tal-arti; (iv) ir-rati tar-royalties applikabbli fil-meded bi prezzijiet definiti; (v) il-limitu massimu għal prezz minimu ta' bejgħ mill-ġdid li għalih japplika d-dritt (EUR 3 000); u (vi) dispożizzjonijiet dwar iċ-ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi li huma intitolati jirċievu r-royalties. Id-Direttiva daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006.

Fiż-żmien li ntlaħaq ftehim dwar id-Direttiva, 4 minn fost 15-il Stat Membru ta' dak iż-żmien ma applikawx id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid fil-liġi nazzjonali: l-Awstrija, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit. Dawn l-Istati Membri gawdew minn perjodu tranżizzjonali sal-1 ta' Jannar 2010, li matulu setgħu jagħżlu li ma japplikawx id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għax-xogħlijiet ta' artisti mejtin eliġibbli. Dawn l-Istati Membri, flimkien ma' Malta, għamlu użu minn din id-dispożizzjoni, u mill-għażla li jestendu l-perjodu tad-deroga għal sentejn oħra. Din id-deroga tiġi fi tmiemha fl-1 ta' Jannar 2012, meta d-Direttiva trid tkun implimentata b'mod sħiħ fl-Istati Membri kollha.

1.2. *L-għan ta' dan ir-Rapport*

L-Artikolu 11 tad-Direttiva jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport dwar l-implimentazzjoni u l-effett tad-Direttiva. Dan ir-rapport iwieġeb għal dik il-ħtieġa. B'konformità mad-

¹ Premessa (3) tad-Direttiva

² Premessa (9) tad-Direttiva

dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11, dan ir-Rapport jeżamina b'mod partikolari l-impatt tad-Direttiva fuq is-suq intern u l-effett tal-introduzzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid f'dawk l-Istati Membri li ma applikawx id-dritt fil-liġi nazzjonali qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Huwa jagħti attenzjoni partikolari għall-pożizzjoni tal-Komunità fir-rigward tas-swieq rilevanti li ma japplikawx id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid, jivvaluta l-irwol tad-Direttiva fit-trawwim tal-kreattività artistika u janalizza s-sitwazzjoni fir-rigward tal-proċeduri ta' ġestjoni fl-Istati Membri.

1.3. Kwistjonijiet proċedurali u konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Fit-tnejn ta' dan ir-Rapport, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika wiesgħa dwar il-kwistjonijiet ewlenin kollha identifikati fl-Artikolu 11, inkluż li tfitx informazzjoni mill-Istati Membri.

Waslu 503 reazzjonijiet għall-pubblikazzjoni. Il-maġġoranza kbira ta' dawn (422) kienu minn ċittadini – suċċessuri tal-artisti fit-titolu (248, primarjament fi Franza u l-Italja) u artisti (174, primarjament minn Franza u r-Renju Unit). Waslu wkoll reazzjonijiet minn professjonisti fis-suq tal-arti (48), soċjetajiet kolletturi, assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-artisti u xi awtoritajiet pubbliċi.

2. L-EFFETTI TAD-DIRETTIVA

2.1. Sfond – is-Suq Globali tal-Arti

Is-suq globali tal-arti u tal-antikitajiet, inklużi kemm il-belle arti kif ukoll l-arti dekorattiva, kellu valur ta' EUR 43 biljun fl-2010, sena meta rritorna għal-livell tiegħu tal-2008 wara sena ta' "kriżi" fl-2009 (meta l-bejgħ kien naqas għal €28 biljun)³.

L-UE kellha sehem mill-valur tas-suq globali ta' 37% fl-2010, segwita mill-Istati Uniti (34%) u ċ-Ċina (23%)⁴. L-aktar tendenza notevoli fis-suq globali tal-arti u tal-antikitajiet matul l-aħħar sitt snin hija ż-żieda drammatika fis-sehem Ċiniż tas-suq minn 5% fl-2006 u l-waqqha konkomitanti fl-ishma tas-suq tal-Istati Uniti u tal-UE (ara l-Figura 1 fl-Anness 1).

Il-bejgħ fis-suq tal-arti żdied bi 13% għal 35 miljun tranżazzjoni fl-2010. Il-bejgħ globali huwa maqsum bejn il-bejgħ b'irkant (49% fl-2010) u l-bejgħ minn negozjanti (51%). Fl-2010, il-bejgħ b'irkant laħaq valur globali ta' madwar EUR 21 biljun, filwaqt li l-bejgħ mill-irkant tal-belle arti⁵ laħaq valur ta' madwar EUR 7 biljun. Ara t-Tabella 1 fl-Anness.

Is-suq tal-arti u tal-antikitajiet b'mod ġenerali jagħmel kontribuzzjoni sinjifikanti għall-ekonomija globali mhux biss f'termini ta' fatturat, iżda wkoll f'termini tan-negozji li jsostni u l-impjiegi u l-ħiliet li jiġġenera direttament u indirettament. Arts Economics stmat li fl-2010 kien hemm madwar 400 000 negozju rreġistrat (postijiet fejn isiru l-irkanti, negozjanti) madwar id-dinja; u fl-UE kien hemm 'il fuq minn 59,000 negozju, inklużi 4,000 post tal-irkant u 55,000 negozjant li jimpjegaw kważi 270,000 ruħ u li b'mod konservattiv jappoġġjaw madwar 110,000 impjieg f'servizzi anċillari u ta' appoġġ użati direttament mill-kummerċ tal-arti.

³ Iċ-ċifri kollha huma bbażati fuq id-dejta pprovduta minn Arts Economics b'dejta minn Artnet.

⁴ Id-dejta pprovduta minn Arts Economics dwar is-sehem Ċiniż tas-suq tal-arti u tal-antikitajiet tinkludi iċ-Ċina kontinentali, Hong Kong, il-Makaw u t-Tajwan.

⁵ Jiġifieri minbarra l-arti dekorattiva

2.2. *Il-kompetittività tas-suq fl-arti moderna u kontemporanja fl-UE fir-rigward tas-swieq rilevanti li ma japplikawx id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid*

Id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid jaffettwa direttament biss il-kummerċ fil-belle arti Moderna u Kontemporanja, jiġifieri xogħlijiet minn artisti ħajjin mill-UE, jew minn artisti mejtin mill-UE fi żmien 70 sena mill-bejgħ tagħhom. Xogħlijiet soġġetti għad-dritt ta' bejgħ mill-ġdid fl-2010 globalment kienu jgħoddu għal madwar EUR 2.1 biljun f'bejgħ minn irkanti. Fl-UE dawn ix-xogħlijiet ammontaw għal 50% tal-valur tal-bejgħ bl-irkant ta' belle arti fl-2010⁶, imqabbla ma' 35% tal-bejgħ fl-Istati Uniti, 25% fl-Isvizzera u 3% tal-bejgħ fil-bqija tad-dinja. Ara t-Tabella 1 fl-Anness.

2.2.1. *Il-bejgħ b'irkant tax-xogħlijiet ta' artisti ħajjin*

Il-bejgħ b'irkant globali tax-xogħlijiet tal-arti tal-artisti ħajjin kollha fl-2010 kien jammonta għal madwar EUR 1 biljun, bl-UE tgħodd għal kważi terz ta' dan il-bejgħ. Il-bejgħ b'irkant globali tax-xogħlijiet tal-arti ħajjin fl-UE kien jammonta għal terz tal-valur tal-bejgħ tax-xogħlijiet tal-arti ħajjin fl-2010 (EUR 340 miljun)⁷.

Il-bejgħ b'irkant ta' xogħlijiet tal-belle arti tal-artisti ħajjin kollha żdied b'136% fil-valur matul il-perjodu bejn l-2005 u l-2010. It-tkabbir fl-Istati Uniti u fl-UE kien taħt il-medja (60% u 92% rispettivament) filwaqt li l-Isvizzera u ċ-Ċina t-tnejn irreġistraw rati ta' tkabbir għolja ta' 334% u 646% rispettivament⁸.

L-UE tilfet sehem fis-suq globali għal bejgħ b'irkant tax-xogħlijiet ta' artisti ħajjin matul il-perjodu bejn l-2005 u l-2010, bi tnaqqis minn 37% għal 30%, primarjament bħala riżultat tat-telf tar-Renju Unit mis-sehem fis-suq minn 27% għal 20%. Fl-istess ħin, l-Istati Uniti kellhom telf mis-sehem fis-suq, bi tnaqqis minn 54% għal 37%, filwaqt li ċ-Ċina rreġistrat sehem oġġla b'żieda minn 8% għal 24%. Is-sehem fis-suq tal-Isvizzera żdied bi ftit minn 0.3% għal 0.5%.

L-UE kompliet tiflew mis-sehem fis-suq fil-bejgħ ta' xogħlijiet ta' artisti ħajjin fl-UE matul il-perjodu bejn l-2008 u l-2010⁹. Dan segwa sehem għoli mis-suq fir-Renju Unit ta' 62% fl-2008, 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva dwar id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid. Fl-istess ħin, is-sehem fis-suq tal-Istati Uniti żdied b'5 punti perċentwali għal 28%; u xi Stati Membri li implimentaw id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid fl-2006 għall-artisti ħajjin mill-UE wkoll raw l-ishma fis-swieq tagħhom jiżdiedu matul dan il-perjodu (l-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Italja¹⁰). Ara t-Tabella 1. Meta nħarsu lejn id-dejta disponibbli fuq perjodu ta' żmien itwal, is-sehem tal-UE

⁶ Id-dejta dwar il-bejgħ tal-arti bl-irkant tintuża hawnhekk bħala l-bażi primarja għad-diskussjoni tal-movimenti fis-swieq globali tal-arti, minħabba li l-bejgħ huwa materja ta' reġistru pubbliku, u ttejed f'kunsiderazzjoni l-perjodu bejn l-2005 u l-2010, meta wieħed iqis li d-Direttiva daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006. Id-dejta dettaljata dwar ix-xogħlijiet soġġetti għad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid hija disponibbli biss għall-perjodu bejn l-2008 u l-2010.

⁷ Kuntrarju għal swieq oħrajn fejn il-bejgħ bl-irkant jista' jkun maqsum indaqs, ħafna artisti ħajjin ibieġhu x-xogħlijiet tagħhom primarjament permezz tan-negozjanti u huma inqas dawk li jagħmlu dan permezz ta' irkant. Il-bejgħ minn negozjanti jista' jkun relattivament oġġla f'dan is-settur, u huwa stmat li jlaħħaq id-doppju tal-valur tal-bejgħ b'irkant.

⁸ Il-paraguni għandhom jiġu ttrattati b'attenzjoni, minħabba l-interess qawwi fiċ-Ċina, pereżempju, fl-arti tradizzjonali Ċiniża.

⁹ Din id-dejta għandha tiġi ttrattata b'attenzjoni: hija ma tkoprix il-perjodu ta' qabel u wara l-armonizzazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid. Il-perjodu bejn l-2008 u l-2010 kien ukoll perjodu bla preċedenti ta' prosperità u falliment f'daqqa.

¹⁰ L-Italja implementat fil-prattika d-dritt tal-bejgħ mill-ġdid fl-2006.

mis-suq tax-xogħlijiet tal-artisti ħajjin mill-UE żdied minn 60% fl-2002 għal 66% fl-2010, u s-sehem fis-suq tar-Renju Unit żdied minn 40% għal 42%.

Fid-dawl tal-movimenti usa' fis-swieq tal-arti Kontemporanja (u inġenerali), bħalissa ma hemmx biżżejjed evidenza li tindika li t-telf tas-sehem fis-suq tal-UE għal xogħlijiet ta' artisti ħajjin matul il-perjodu inkwistjoni huwa direttament attribwit għall-armonizzazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid fl-2006 (ara aktar dwar dan taħt it-Taqsima 2.4 ta' hawn taħt).

2.2.2. Il-bejgħ b'irkant tax-xogħlijiet ta' artisti mejtin fi żmien 70 sena mid-data tal-bejgħ

Il-bejgħ b'irkant globali ta' xogħlijiet tal-arti "Moderna" (ta' artisti mwielda bejn l-1875 u l-1945) kien jammonta għal madwar EUR 3.5 biljun fl-2010. Is-suq tal-"eredi" tal-UE (xogħlijiet ta' artisti li mietu fi żmien 70 sena mid-data tal-bejgħ) kien jammonta għal EUR 1 biljun ta' dan il-bejgħ.

B'mod ġenerali, is-suq kiber b'126% matul il-perjodu bejn l-2005 u l-2010. Il-bejgħ fl-Isvizzera, l-Istati Uniti u l-UE żdied b'25%, 69% u 85% rispettivament kontra r-rata għolja ħafna ta' tkabbir fiċ-Ċina ta' aktar minn 1300%. L-UE kellha telf fis-sehem tas-suq globali, għal darba oħra l-aktar bħala riżultat tat-telf mis-sehem tas-suq tar-Renju Unit (minn 27% għal 20%), l-istess kif kellhom l-Istati Uniti u l-Isvizzera. Is-sehem Ċiniż tas-suq kellu żieda drammatika minn 4% għal 23%.

Fir-rigward tas-suq tal-"eredi" tal-UE, huwa innotat li r-Renju Unit ġarrab telf fis-sehem mis-suq, b'5 punti perċentwali għal 37%, matul il-perjodu bejn l-2008 u l-2010 fin-nuqqas tal-applikazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għas-suq tal-"eredi" (u tabilħaqq, ir-Renju Unit ġarrab telf sinifikanti mis-sehem tas-suq fis-suq usa' għall-artisti mejtin matul l-istess perjodu, minn 34% għal 20%). Is-sehem mis-suq tal-Istati Uniti żdied b'5 punti perċentwali fl-istess perjodu, filwaqt li l-ishma mis-suq ta' Stati Membri oħrajn tal-UE (kemm jekk japplikaw jew ma japplikawx id-dritt għall-eredi) baqgħu stabbli. Bħalissa ma hemm ebda xejra dixxernibbli li tissuġġerixxi li l-Istati Membri li ma jimponux ir-royalties fuq ix-xogħlijiet ta' artisti mejtin kellhom prestazzjoni aħjar matul il-perjodu minn dawk li jagħmlu dan. Ara t-Tabella 1 fl-Anness.

2.3. L-Impatt fuq is-Suq Intern

Fid-dawl tal-aspettattiva li l-applikazzjoni mhux armonizzata tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid ikkontribwixxiet għal "spustament tal-bejgħ" fi ħdan l-UE, il-Kummissjoni fittxet li tidentifika jekk inholqitx xi diverżjoni kummerċjali lil hemm minn dawk l-Istati Membri li introduċew id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għax-xogħlijiet ta' artisti ħajjin l-ewwel darba fl-2006 u lejn Stati Membri oħrajn; u jekk dawk l-Istati Membri li għandhom deroga sal-1 ta' Jannar 2012 dehrux li għandhom vantaġġ komparattiv fil-bejgħ tax-xogħlijiet ta' artisti mejtin. Il-Kummissjoni stħarrġet is-settijiet ta' dejta disponibbli għall-perjodu bejn l-2005 u l-2010.

2.3.1. Il-bejgħ b'irkant tax-xogħlijiet ta' artisti ħajjin u mejtin

Is-swieq tal-arti madwar l-UE jvarjaw minn xulxin fin-natura u fl-istruttura tagħhom. Pereżempju, filwaqt li r-Renju Unit għandu l-ogħla sehem mis-suq tal-UE skont il-valur tal-bejgħ b'irkant f'xogħlijiet li huma eliġibbli għad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid (64% fl-2010),

segwit minn Franza (12%) u l-Ġermanja (5%), l-akbar volum ta' tranżazzjonijiet kien fi Franza (26%)¹¹.

B'kollox, kien hemm madwar 65,000 tranżazzjoni ta' irkant li kienu eliġibbli għad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid fl-2010, li madwar żewġ terzi minnhom kienu bejgħ ta' xogħlijiet ta' artisti mejtin u t-terz l-ieħor bejgħ ta' xogħlijiet ta' artisti ħajjin. Ara t-Tabella 1 fl-Anness.

Jekk inħarsu kemm lejn il-valur kif ukoll lejn il-volum tal-bejgħ b'irkant ta' xogħlijiet minn artisti ħajjin matul il-perjodu bejn l-2005 u l-2010, ma jista' jiġi stabbilit ebda mudell ċar li jindika li kien hemm diverżjoni kummerċjali sistematika fi ħdan l-UE, lil hemm minn dawk l-Istati Membri li introduċew id-dritt għall-artisti ħajjin fl-2006.

Ir-Renju Unit tilef sehem mis-suq meta mqabbel mal-2005 għal bejgħ ta' xogħlijiet ta' artisti kemm ħajjin kif ukoll mejtin. Ir-Renju Unit tilef ukoll mis-sehem tas-suq tal-UE bejn l-2008 u l-2010 għal xogħlijiet ta' artisti ħajjin eliġibbli għal bejgħ mill-ġdid, għalkemm is-sehem mis-suq tar-Renju Unit laħaq il-quċċata f'valur għoli ta' 61% fl-2008, jiġifieri tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Madankollu, Stati Membri oħrajn li implimentaw id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għall-ewwel darba (l-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Italja) kisbu wkoll sehem mis-suq għas-spejjeż tar-Renju Unit matul dan il-perjodu. Huwa nnotat ukoll li r-Renju Unit tilef mis-sehem mis-suq tal-UE għax-xogħlijiet ta' artisti mejtin kemm matul il-perjodu bejn l-2005 u l-2010 kif ukoll bejn l-2008 u l-2010. Mill-Istati Membri li diġà implimentaw id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid, kemm Franza kif ukoll il-Ġermanja żiedu ftit is-sehem mis-suq tal-artisti ħajjin fl-UE matul l-2008-2010 (minn 5% għal 7% u minn 3% għal 4% rispettivament), filwaqt li "l-bqija tal-UE" baqgħet stabbli bi 2%. Fir-rigward ta' xogħlijiet ta' artisti mejtin, l-ishma mis-suq baqgħu l-istess. Ara t-Tabella 1 fl-Anness.

2.3.2. *Tibdilit fl-ishma kumplessivi tas-suq*

Bl-istess mod, fir-rigward tas-sehem fis-suq kollu kemm hu (lil hinn mill-irkanti) matul il-perjodu bejn l-2005 u l-2010, ma jistgħu jiġu stabbilit l-ebda xejriet ċari. L-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Italja raw żieda żgħira fis-sehem mis-suq tal-UE għax-xogħlijiet ta' artisti ħajjin, filwaqt li s-sehem tar-Renju Unit naqas b'mod sinjifikanti, l-istess bħall-kontrazzjoni tas-suq usa' tar-Renju Unit.

Il-bidliet fl-ishma tas-suq għan-negozju fix-xogħlijiet ta' artisti mejtin juru stampa mħallta simili. Is-sehem mis-suq tar-Renju Unit naqas bl-istess grad bħall-kontrazzjoni tas-suq usa'; l-ishma tas-suq tal-Ġermanja u tal-Pajjiżi l-Baxxi naqsu bi ftit; filwaqt li dawk ta' Franza, tal-Awstrija u tal-Italja zdieđu.

2.4. *Fatturi li jaffettwaw l-iżvilupp tas-swieq tal-arti*

Ħafna partijiet interessati enfasizzaw il-fatt li l-karatteristiċi tas-swieq differenti tal-arti, l-iżvilupp tagħhom u l-kompetittività relattiva tas-swieq jiddependu fuq firxa wiesgħa ta' fatturi. Is-sistema tat-tassazzjoni usa', inkluża l-applikazzjoni tal-VAT, jista' jkollha rwol sinjifikanti. Fl-UE huwa nnotat li r-rati tal-VAT ivarjaw ħafna minn 15% sa 25%. Issemmev ir-rati ta' kummissjoni u l-ispejjeż amministrattivi, inklużi dawk relatati mal-amministrazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid.

¹¹ Il-valur għoli tal-bejgħ tar-Renju Unit huwa dovut għal għadd żgħir ta' bejgħ bi prezz għoli ħafna. Fl-2010, pereżempju, 54% tal-valur tas-suq tal-arti kienu fil-medda tal-prezz ta' EUR 2 miljun (li jirrappreżentaw biss 0.5% tat-tranżazzjonijiet).

Hemm kwistjonijiet oħrajn li huma rilevanti. Is-swieq tal-arti huma suxxettibbli għal bidliet fil-gosti u għal bidliet fil-perċezzjoni tal-valur tal-investment fl-arti. F'dan il-kuntest, id-disponibbiltà ta' għarfien espert, l-ispeċjalizzazzjoni ta' kwalunkwe suq partikolari, il-fiduċja u l-kuntatti jibqgħu fatturi importanti. L-iżviluppi fit-tqassim globali tal-ġid jistgħu jkunu rilevanti, kif turi b'mod partikolari ż-żieda tas-swieq Ċiniżi tal-arti. Fl-istess ħin, issemmiet ukoll il-mobilità tas-suq tal-arti, inkluża l-attrazzjoni dejjem tikber ta' fieri nazzjonali u internazzjonali tal-arti fis-settur tan-negozjanti.

2.4.1. Il-mobilità fil-kategoriji ta' prezzijiet ogħla

Barra minn hekk, is-suq globali tal-arti huwa kkaratterizzat minn ftit "ċentri globali tas-suq" fejn tinxtara u tinbiegħ arti tal-ogħla valur – 'il fuq minn EUR 50 000. Dawn iċ-ċentri, li għandhom l-akbar sehem tal-bejgħ fil-meded ta' prezzijiet ogħla, jinkludu l-Istati Uniti, iċ-Ċina u r-Renju Unit. Dan huwa kkonfermat mill-prezzijiet tal-bejgħ ogħla mill-medja f'dawn il-pajjiżi (Ara l-Figura 2 fl-Anness), u mill-fatt li għadd żgħir ta' bejgħ jammonta għal perċentwal għoli tal-valur tat-tranżazzjonijiet.

Ħafna minn dawk li wiegħbu nnotaw li l-bejgħ tax-xogħlijiet bi prezz ogħla huwa aktar suxxettibbli għal pressjonijiet kompetittivi internazzjonali, u li huwa aktar probabbli li l-imposti marbuta ma' tali bejgħ iwasslu lill-bejjiegħa biex jiddevjaw il-bejgħ lejn swieq fejn l-ispejjeż kumplessivi tat-tranżazzjoni jkunu aktar baxxi, anki meta jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport¹². F'dan ir-rigward, id-djar tal-irkant innotaw każijiet ta' klijenti li jagħżlu li jirrilokaw il-bejgħ lejn New York u semmew id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid bħala fattur ta' spiża f'dik id-deċiżjoni. Is-settur tan-negozjanti nnota tendenza li t-tranżazzjonijiet jiċċaqlqu lejn waħda mill-fieri internazzjonali tal-arti li qegħdin dejjem jiżdiedu, b'Art Basel tisemma bħala eżempju. Fil-qosor, il-bejjiegħa ovvjament jieħdu n-negozju tagħhom f'dawk is-swieq fejn it-tranżazzjoni tkun tal-akbar benefiċċju, u d-dritt tal-bejgħ mill-ġdid huwa wieħed minn għadd ta' fatturi li għandhom irwol fl-għażla tal-post fejn isir il-bejgħ.

2.4.2. Il-piż amministrattiv fil-kategoriji ta' prezzijiet aktar baxxi

L-akbar volum ta' kummerċ bla dubju ta' xejn isir fit-tarf l-aktar baxx tas-suq, jiġifieri primarjament is-swieq "domestiċi" li għandhom it-tendenza li jaraw volum għoli ta' bejgħ b'valur baxx. Dawn is-swieq jistgħu jkunu nazzjonali jew jistgħu jaħdmu b'mod parallel ma' swieq internazzjonali (Londra hija eżempju ta' dan) u huma komunament ibbażati fuq volum għoli ta' bejgħ b'valur aktar baxx, fil-biċċa l-kbira pprovdut lokalment u fil-maġġoranza tagħhom mibjugħa lil xerrejja lokali (ara l-Figura 3 fl-Anness). Kien innotat li dawn is-swieq għandhom it-tendenza li jkunu ddominati minn negozji iżgħar li huma vulnerabbli għal piżijiet regulatorji li jzidulhom l-ispejjeż. Din il-kwistjoni hija esplorata fit-Taqsima 3 hawn taħt.

3. KWISTJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI FIL-LIVELL NAZZJONALI

3.1. Ir-rati tar-royalties

Il-mira prinċipali tad-Direttiva kienet l-armonizzazzjoni tar-rati tar-royalties applikabbli f'ħames meded identifikati bil-għan li tiġi armonizzata l-applikazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-

¹² Ara, pereżempju, "The impact of artist resale rights on the art market in the UK", Toby Froschauer, Jannar 2008.

għdid minħabba li d-disparitajiet kienu joħolqu distorżjoni tat-termini tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern. Ma kien hemm ebda parti interessata li indikat li għandhom jiġu emendati l-meded u r-rati tar-royalties, jew li għandha titneħħa r-rata diskrezzjonarja ta' 5% għall-bejgħ b'valur inqas minn EUR 5,000.

Fir-rigward tal-limitu minimu għall-applikazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-għdid, ir-rati jvarjaw bejn EUR 15 u EUR 3 000. Ma għet ippreżentata ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-varjazzjonijiet fil-livell nazzjonali kellhom effett negattiv fuq il-kummerç għewwa l-UE.

3.2. Proċeduri ta' ġestjoni

Id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għall-ġestjoni kollettiva obbligatorja jew fakultattiva tar-royalty għad-dritt tal-bejgħ mill-għdid. Filwaqt li l-maġġoranza tal-Istati Membri jipprovdu għall-ġestjoni kollettiva obbligatorja tad-dritt tal-bejgħ mill-għdid, għadd sinjifikanti oħrajn għażlu li jmorru għal ġestjoni kollettiva fakultattiva. Il-partijiet interessati ma kkontestawx il-kamp ta' applikazzjoni għall-approċi differenti għall-ġestjoni tad-drittijiet kollettivi.

Lil hinn minn dan, id-Direttiva ma tgħid xejn dwar l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tad-dritt. Fis-sistemi nazzjonali hemm diverġenzi sinjifikanti li jirriżultaw f'differenzi f'termini ta' faċilità u spiża tal-amministrazzjoni, kemm għall-professjonisti fis-suq tal-arti kif ukoll għas-soċjetajiet kollettivi li jamministraw id-dritt tal-bejgħ mill-għdid.

3.2.1. Spejjeż amministrattivi

Bosta professjonisti fis-suq tal-arti qajmu l-kwistjoni tal-ispejjeż tal-amministrazzjoni. Kien enfasizzat li b'mod partikolari l-SMEs, li normalment ikollhom sehem ogħla fis-suq f'termini ta' volum milli f'termini ta' valur, isofru minn spejjeż amministrattivi għoljin li jinħolqu minn kull tranżazzjoni. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li kien hemm aktar minn 65,000 tranżazzjoni ta' bejgħ b'irkant eliġibbli fl-2010 biss. L-ispejjeż għall-amministrazzjoni tad-dritt kienu stmati li jlaħħqu sa EUR 50 għal kull tranżazzjoni. Dawn huma primarjament spejjeż tal-persunal assoċjati ma' (i) id-determinazzjoni tal-artisti li jikkwalifikaw; (ii) id-determinazzjoni u l-ittraċċar tal-eredi u ta' detenturi oħrajn tad-dritt u (iii) l-ipproċessar ta' omissjonijiet u rifiżjonijiet; flimkien mal-ispejjeż tas-sistema tal-IT.

L-akbar fattur waħdieni jidher li huwa d-determinazzjoni tal-artisti li jikkwalifikaw. Filwaqt li s-soċjetajiet kollettivi f'xi Stati Membri jżommu reġistri eċċellenti, hemm oħrajn li jonqsu milli jżommu din id-dejta jew li jagħmluha disponibbli b'mod effiċjenti. Xi soċjetajiet kollettivi jipubblikaw listi ta' detenturi tad-drittijiet li jkunu kkonkludew kuntratt magħhom u li huma intitolati biex jirċievu royalties għad-dritt tal-bejgħ mill-għdid. Fl-Istati Membri fejn ir-reġistrazzjoni tal-artisti ma' soċjetà kollettriċi hija prekondizzjoni għall-ħlas tar-royalties għad-dritt tal-bejgħ mill-għdid, is-soċjetajiet kollettivi jistgħu jipprovdu lista sħiħa ta' benefiċjarji potenzjali.

Meta s-soċjetajiet kollettivi ma jagħmlux l-informazzjoni disponibbli b'mod sistematiku u komprensiv, il-kompitu jidher li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-professjonisti tas-suq biex jagħmlu r-riċerka huma stess. Is-sitwazzjoni fir-rigward tad-disponibbiltà transfruntiera u l-aċċessibbiltà għar-reġistri tal-eliġibbiltà hija waħda irregolari.

Iż-żamma ta' reġistri komprensivi u riċerkabbli tal-artisti eliġibbli ssemmiet bħala hteġa ewlenija għat-tnaqis tal-ispejjeż amministrattivi assoċjati mad-dritt tal-bejgħ mill-għdid. Approċċ ieħor jidher li huwa l-użu ta' sistema fakultattiva u simplifikata għall-ħlas ta' somma

f'daqqa. Fi Stat Membru wieħed, ftehim transindustrijali (id-detenturi tad-drittijiet, l-industrija) dwar l-implimentazzjoni tad-dritt u l-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' sistemi tal-IT kompatibbli, issem mew bħala elementi ewlenin fl-iżgurar ta' ġestjoni effiċjenti tad-dritt.

3.2.2. *Spejjeż għas-soċjetajiet kolletturi*

Is-soċjetajiet kolletturi sem mew l-ispejjeż tal-amministrazzjoni f'firxa ta' bejn 10% u 20% tar-royalties miġbura. L-ispejjeż tal-amministrazzjoni tas-soċjetajiet kolletturi normalment jitnaqqsu qabel jitqassmu r-royalties u għalhekk jinġarru mill-benefiċjarji.

Fi Stati Membri fejn is-soċjetajiet kolletturi jistgħu biss jiġbru r-royalties tad-drittijiet tal-bejgħ mill-ġdid fuq il-bażi ta' mandati individwali, normalment ikunu jistgħu jitqassmu r-royalties kollha miġbura. Fi Stati Membri b'sistemi oħra, xi drabi ma jkunux jistgħu jinstabu l-benefiċjarji. F'dawn il-każijiet, sa 5% tar-royalties miġbura ma jitqassmux.

3.2.3. *L-"effett ta' kaskata"*

In-negozjanti tal-arti kkritikaw ukoll l-hekk imsejjaħ "effett ta' kaskata" tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid, li jfisser li r-royalties iridu jitħallsu għal kull tranżazzjoni u ma jistgħux – kuntrarju għall-VAT – jiġu rimborżati għat-tranżazzjonijiet bejn in-negozjanti. Id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid għandu effett kumulattiv fuq xogħlijiet tal-arti li jinbiegħu bosta drabi. Fl-Istati Membri fejn mhux biss il-bejjiġieħ iżda wkoll ix-xerrej jista' jkun obligat li jħallas ir-royalty, negozjant tal-arti involut f'żewġ tranżazzjonijiet konsekuttivi jista' jħallas ir-royalty darbtejn wara xulxin għall-istess biċċa xogħol ta' arti (l-ewwel bħala xerrej u mbagħad bħala bejjiġieħ).

4. L-IMPATT FUQ L-ARTISTI

4.1. *Il-benefiċċji u l-ispejjeż għall-artisti*

Il-Kummissjoni fittxet informazzjoni mis-soċjetajiet kolletturi li huma responsabbli mill-ġbir u d-distribuzzjoni tar-royalty tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid fuq (a) l-għadd ta' artisti li bbenifikaw mid-dritt kull sena bejn l-2005 u l-2010; u (b) l-ammont imqassam. Għaxar soċjetajiet kolletturi setgħu jipprovdu din l-informazzjoni, jiġifieri 10 minn 27 Stat Membru¹³. Ara s-sommarju fit-Tabella 3 fl-Anness. F'dawn l-10 Stati Membri, tqassmu madwar EUR 14-il miljun royalty fl-2010, fost 6,631 artist u l-eredi tagħhom, Figura pjuttost stabbli meta mqabbla ma' EUR 14,4 miljun royalty mqassma lil 7,107 artisti u l-eredi tagħhom fl-2007. Madwar nofs ir-royalties inġabru fi Franza weħida. Is-soċjetajiet kolletturi f'erba' Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, Franza u s-Slovakja) setgħu jipprovdu klassifikazzjoni tad-distribuzzjonijiet bejn l-artisti ħajjin u daww mejtin għall-perjodu bejn l-2006 u l-2010. F'dawn l-erba' Stati Membri tqassmu 22% tar-royalties skont il-valur u 41% tar-royalties skont il-volum lil artisti ħajjin matul il-perjodu.

Dawn il-figuri kienu sostnuti sew mir-riċerka mwettqa minn Arts Economics. Fl-2010, il-bejgħ eliġibbli b'irkant kien ta' xogħlijiet minn aktar minn 5,000 artist ħaj u laħaq 19,000 tranżazzjoni u valur ta' EUR 225 miljun. Il-werrieta hađu porzjon hařna akbar mil-bejgħ

¹³ Xi soċjetajiet kolletturi setgħu jipprovdu l-ammont ta' royalties imqassma, iżda mhux l-għadd ta' artisti li bbenifikaw minnhom; oħrajn taw ammont totali, iżda ebda dejta annwalizzata; soċjetà waħda pprovdiet l-għadd ta' artisti li bbenifikaw, iżda ebda valur. Soċjetajiet fi tmien Stati Membri ma setgħu jipprovdu ebda informazzjoni.

eliġibbli għad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid, fejn li kien jagħmel 82% tal-bejgħ eliġibbli skont il-valur, 71% skont il-volum u 63% tal-benefiċjarji (ara t-Tabella 4 fl-Anness).

45% tal-artisti ħajjin li għamlu bejgħ eliġibbli fl-2010 (2,271) kienu jaqgħu fil-kategorija tal-prezzijiet taħt EUR 3,000, li għandhom rata ta' royalty sa EUR 150. 39% oħrajn kienu jaqgħu fil-kategorija tal-prezzijiet sa EUR 50,000, li għandhom rata ta' royalty sa EUR 2,030. Il-maġġoranza kbira tal-artisti u s-suċċessuri fit-titolu li kkontribwew għall-konsultazzjoni laqgħu s-sistema tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid bħala waħda li tagħmel differenza, kemm finanzjarjament kif ukoll f'termini ta' rikonoxximent. Xi soċjetajiet kolletturi għandhom ukoll skemi li permezz tagħhom isir tnaqqis għal skopijiet kulturali (10% tad-dħul mid-dritt tal-bejgħ mill-ġdid) li jintuża speċifikament sabiex jappoġġja artisti żgħażaġh. F'xi Stati Membri, is-soċjetajiet kolletturi esprimew dispjaċir għall-fatt li l-armonizzazzjoni tar-rati applikabbli skont id-direttiva dwar id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid irriżultat f'rata ta' royalty aktar baxxa milli kien il-każ fil-leġislazzjoni nazzjonali qabel l-introduzzjoni tal-limitu massimu ta' EUR 12 500, u l-valur dejjem jonqos tar-royalty, pereżempju fil-Ġermanja, fejn qabel kienet tapplika rata fissa ta' 5% għall-bejgħ kollu.

5. KONKLUŻJONIJIET

5.1. Il-kompetittività tas-swieq Ewropej

Ma tista' tiġi stabbilita ebda xejra ċar li torbot it-telf tas-sehem tal-UE mis-suq globali għall-arti moderna u kontemporanja mal-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-applikazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid fl-UE fl-1 ta' Jannar 2006. Bħalissa lanqas ma jistgħu jiġu stabbiliti xejriet ċari li jindikaw diverżjoni sistematika tan-negozju fl-UE 'l hemm minn dawk l-Istati Membri li introduċew id-dritt għall-artisti ħajjin fl-2006. Madankollu, jidher b'mod ċar li hemm pressjonijiet fuq is-swieq tal-arti Ewropej, fil-firxiet tal-prezzijiet kollha, u kemm għas-setturi tal-irkant kif ukoll tan-negozjanti, u qed jiġi mfakkar li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid ser ikun imwessa' b'mod sinjifikanti wara t-tmien tad-deroga għax-xogħlijiet tal-artisti mejtin fl-1 ta' Jannar 2012.

Fl-istess ħin, il-kwalità tal-amministrazzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid tidher li tvarja b'mod konsiderevoli madwar l-UE u qed jinħolqu spejjeż kemm għall-professjonisti kif ukoll għall-artisti fis-suq tal-arti. Il-piż jista' jkun partikolarment għoli għal dawk fit-tarf l-aktar baxx tas-suq li huma proporzjonalment aktar affettwati mill-ispejjeż sabiex jiġi amministrat dan id-dritt. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li f'xi Stati Membri l-amministrazzjoni ineffiċjenti tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid tippreżenta piż pjuttost sinjifikanti fuq il-professjonisti fis-suq tal-arti u tista' wkoll twassal għal tnaqqis għoli bla bżonn mir-royalties li huma dovuti lill-artisti u s-suċċessuri tagħhom.

- Fid-dawl tas-sinjifikat ekonomiku tas-settur, il-Kummissjoni tqis li l-iżviluppi fis-suq għandhom jinżammu taħt analiżi. Il-Kummissjoni ser twettaq eżerċizzju ieħor ta' rappurtar u tippreżenta r-riżultati tagħha fl-2014.
- Il-Kummissjoni ser issegwi wkoll l-impenn tagħha li tipperswadi pajjiżi terzi biex jimplimentaw id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid.
- Fid-dawl tal-volum ta' tranżazzjonijiet soġġetti għad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid, il-Kummissjoni Ewropea tqis ukoll li ser ikun hemm benefiċċju fl-iskambju tal-aħjar prassi fil-livell Ewropew bil-għan li jkunu ġestiti u minimizzati l-ispejjeż amministrattivi fl-Istati Membri kollha. Għal dan il-għan, hija għandha

l-ħsieb li tistabbilixxi Djalogu bejn il-Partijiet Interessati, li jkollhom ir-responsabbiltà li jagħmlu rakkomandazzjonijiet għat-titjib tas-sistema tal-ġbir u d-distribuzzjoni tad-dritt tal-bejgħ mill-ġdid fl-UE.

- B'mod aktar ġenerali, il-Kummissjoni Ewropea hija kkonċernata li s-soċjetajiet kolletturi għandhom joperaw fi standard għoli ta' governanza u trasparenza fir-rigward tal-membri tagħhom u tal-utenti kummerċjali, għaldaqstant matul l-2012 ser tressaq proposta f'dan ir-rigward biex tkun applikata b'mod ugwali għas-soċjetajiet kolletturi li jamministraw id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid.

Anness 1

Figura 1 – Tibdil fl-ishma tas-suq tal-arti globali 2006-2010




Tabella 1 – Bejgħ b'irkant 2008 u 2010

	Bejgħ b'irkant 2008 (€m)					Bejgħ b'irkant 2010 (€m)					
	L- artisti ħajjin kollha	L- artisti ħajjin fl-UE	Xogħliji et ta' artisti li mietu fi żmien 70 sena mill- bejgħ	Xogħliji et ta' artisti fl- UE li mietu fi żmien 70 sena mill- bejgħ	Bejgħ totali b'irkant (belle arti u arti dekorattiva)	L- artisti ħajjin kollha	L- artisti ħajjin fl-UE	Xogħliji et ta' artisti li mietu fi żmien 70 sena mill- bejgħ	Xogħliji et ta' artisti fl- UE li mietu fi żmien 70 sena mill- bejgħ	Bejgħ totali b'irkant (belle arti u arti dekorattiva)	bejgħ b'irkant ta' belle arti
AT	6,5	6,0	15,1	14,3	131,6	8,5	7,6	22,1	19,8	222,8	76,6
FR	40,7	27,4	162,4	136,1	1105,3	51,6	24,1	200,9	120,6	1153,4	396,8
DE	17,4	14,9	61,4	57,2	454,5	16,8	12,3	69,2	53,6	416,5	143,3
IT	20,2	11,7	72,6	60,7	514,1	16,9	14,6	53,0	53,5	250,2	86,1
NL	2,8	2,2	11,4	10,8	126,7	6,7	4,7	1,5	16,9	124,6	42,9
SE	4,9	4,3	20,2	16,0	138,9	9,7	9,4	27,1	22,6	153,3	52,7
UK	506,3	347,0	900,6	752,8	6391,1	199,4	145,1	695,4	661,0	4224,9	1453,4
Il-bqija tal-UE	15,8	14,4	51,5	47,5	437,0	15,1	6,9	107,7	83,7	693,8	238,7
UE	614,5	429,0	1295,0	1099,9	9299,3	319,1	224,7	1176,8	1031,7	7239,5	2490,4
US	421,4	127,9	1129,9	626,5	6607,8	389,5	97,6	1308,2	694,4	6499,6	2235,9
CH	3,9	3,0	26,9	25,9	272,8	5,7	3,4	35,2	29,3	376,5	129,5
Bqija tad- Dinja	350,3	5,7	201,8	37,0	2791,1	357,1	17,5	970,8	43,8	6661,2	2226,8
TOTAL	1390,2	564,5	2653,6	1784,8	18971,0	1071,6	343,2	3490,3	1799,2	20776,8	7082,6

Tabella 2 – Bejgħ b'irkant ta' xogħlijiet ta' artisti ħajjin u ta' artisti Ewropej b'werrieta eleġibbli, UE, 2010

	Valur €m	Għadd ta' artisti/werrieta li jibbenefikaw	Volum ta' transazzjonijiet
Artisti ħajjin	225	5,072	18,670
Artisti Ewropej b'werrieta eleġibbli	1,032	8,814	46,380
Total	1,257	13,886	65,050
Artisti ħajjin bħala % tat-total	18%	37%	29%

Figura 2




Figura 3




Tabella 3 – Għadd ta' artisti li jibbenefikaw, u valur ta' royalties distribwiti fl-2005-2010, għażla ta' Stati Membri tal-UE

	2005		2006		2007		2008		2009		2010	
	Għadd	Valur €m	Għadd	Valur €m	Għadd	Valur €m	Għadd	Valur €m	Għadd	Valur €m	Għadd	Valur €m
AT			19	0,038	27	0,07	43	0,111	39	0,093	38	0,11
BE	291	0,256	413	0,505	448	0,51	545	0,623	508	0,46	513	0,554
DK			1604	0,225	2071	1,346	1989	1,403	1511	0,742	1894	0,857
EE		0,007	10	0,018	14	0,021	13	0,011	9	0,01	11	0,004
FR	1991	2,934	2191	5,2	2233	6,51	1985	6,68	1959	6,06	2054	6,848
DE	878	2,351	1020	2,751	1191	3,47	1157	3,374	1112	4,319	1021	3,427
NL			46	0,06	39	0,053	54	0,067	44	0,056	58	0,105
PT					4	0,001	6	0,005	19	0,027	26	0,026
SK	76	0,021	110	0,025	135	0,037	152	0,049	132	0,038	50	0,022
UK			414	0,987	945	2,99	1123	3,45	913	2,594	966	2,696
Total		5,569	5827	9,809	7107	15,008	7067	15,773	6246	14,399	6631	14,649